# Il-Qima lejn Santa Venera V.M. fil-gżejjer tagħna

Chris Falzon



*Statwa ta' Santa Venera V.M. magħmula mit-terrakotta li tinsab f'dar privata f'Sta. Venera għand is-Sur Emanuel Attard. Jingħad li din inħadmet għall-aħħar tas-seklu l-ieħor f'garaxx f'Birkirkara.*

Diversi nies jaħsbu li l-Isem ta' Santa Venera u l-qima lejn din il-Qaddisa, jinsabu biss fil-parroċċa tagħna. Il-qima lejn Santa Venera hija antika ħafna fil-gżejjer tagħna u minn dejjem kien hawn devozzjoni kbira lejn din il-Qaddisa.

Tradizzjoni antika tgħidilna li Santa Venera kienet ġiet Malta flimkien ma' Sant'Agata, u li dawn it-tnejn għamlu xi żmien jgħixu fil-Katakombi ta' Sant'Agata fir-Rabat Malta. Fl-apside tal-katakombi nsibu diversi affreski u wieħed minnhom huwa dak li jirrappreżenta lil Sant'Agata, Santa Luċija u Santa Venera. Meta din il-pittura ġiet restawrata fl-1881 bi żball ġie mniżżel li x-xbieħa ta' Santa Venera hija Sant'Agnese. F'idejn Santa Venera naraw bieqja bin-nar jixgħel biex juri wieħed mill-martirji li sofriet il-Qaddisa qabel ma ħadet il-kuruna tal-martirju. Ftit il-bogħod mill-katakombi ta' Sant'Agata, jinsab katakombi ieħor jew aħjar il-Kripta ta' Santa Venera. Dan kien l-oratorju fejn wisq probabbli kienet tgħix il-Qaddisa wara li telqet minn ma' Sant'Agata.



*Xbieha ta' Santa Venera V.M., aktarx tas-seklu III, li tinsab fil-Katakombi ta' Sant'Agata, ir-Rabat Malta.*

..... / 47

Il-Kummentatur Abela jgħid li fih tidher sew ix-xbieha ta' Santa Venera qiegħda bil-wieqfa, bil-bieqja f'idejha mimlija nar, kif soltu jpinġu lil din il-Qaddisa. Ikompli jgħid " kien hemm altar li fuqu kienu jiċċelebraw il-quddiesa u li kien kbir biżżejjed biex jesa ftit tan-nies mhux ħażin." Dan il-katakombi ta' Santa Venera llum hu xi ftit jew wisq abbandunat u ma tantx hu magħruf.

Fil-gżira ta' Għawdex ukoll xterdet id-devozzjoni lejn Santa Venera. Antikament kien hemm knisja ddedikata lilha. Kienet waħda minn dawk il-knejjes rurali u biż-żmien iġġarfet u ma reġgħetx telgħet mill-ġdid. Din il-knisja ġiet mibnija għal Ġulinu Navarra fuq l-art tiegħu stess. Ma kellha ebda obbligu marbut magħha, ħlief dak li jidhirlu l-eredi. Nafu li fl-1575 kienet għadha teżisti u kienet waħda minn dawk il-knejjes rurali li żar Monsinjur Duzzina.

Meta l-Konti Ruġġieru qassam il-prebendi tal-knisja Katedrali ta' l-Imdina, waħda minnhom semmiha għal Santa Venera, peress li ta l-beni ta' madwar il-knisja li ġġib l-isem tal-Qaddisa u li llum hija l-Knisja l-Qadima u Matriċi ta' Sta. Venera.




*Santa ta' Santa Venera V.M. bit-talba warajha. Dawn inħarġu fl-1939 bil-permess tal-Provinċjal ta' dak iż-żmien Patri Spriridjun Vassallo O.Carm.*

Minn dan naraw li missirijietna kellhom devozzjoni sewwa lejn din il-Qaddisa. Dan jagħtina kuraġġ biex inkomplu nxerrdu l-qima lejha ħalli bħal ta' qabilna nsibuha f'kull bżonn tagħna u bħal Santa Venera nkunu nistgħu ngħidu li qegħdin nagħtu x-xhieda tagħna tal-ħajja ta' Kristu.

*Riferenzi:-* *Dr. A.A. Caruana, The Crypt of St. Agatha Pg. 13;*
*Kom. G.F. Abela, Malta Illustrata Lib. I, Not. IV Pg. 184;*
*Cath. Arch. Ms. 182, Vis. Dus., 1575 fol. 444 u*
*Fr. Patrick G. Abela O.Carm., Programm tal-Festa 1978.*

*Ħajr:-* *Rev. Provinċjal Patri Amadeo Zammit O.Carm.;*
*Is-Sur Emanuel Attard Sta. Venera;*
*Is-Sur Joseph Zammit, Photo Model Sta. Venera u*
*Is-Sur Michael Zerafa Sta. Venera.*